Għaddejja l-ħamla fuq il-Mawritanja,
Tal-Vandli, ta' l-Alani b'Ġenseriku,
Tirfes, tkisser u teqred kull ma jiġi
Quddiem mixjitha. (8)

B'hekk l-Affrika ta' Fuq saret l-għalqa tal-battalja u t-teatru ta' għemil l-iżjed faħxi. Il-biża', il-qilla, il-ħruq, l-istraġi, l-imwiet ta' nies ta' kull sess u ta' kull età, mingħajr ħelsien ta' saċerdoti, knejjes jew artali jheddu 'l-Affrika kollha. Fl-aħħar Ippona, li hija l-ġawhra l-iżjed għażiża għal Santu Wistin, tkun ukoll assedjata. Il-poplu kollu mqanqal u mħawwad, kollu mbeżża' u mgħaġġel jiġri għal għand ir-Ragħaj għażiż tiegħu u jitolbu pariri, għajnuna, ħniena. Wistin, mifni u mqanqal minħabba l-periklu li jhedded il-Belt maħbuba tiegħu, joffri lil Alla t-talb, ix-xehir, il-biki u l-ilfiq tiegħu għall-ħelsien tal-merħla tiegħu minn idejn il-Vandli u iżjed u iżjed mill-periklu li jitilfu l-fidi. Iżda, meta beda jara li l-qagħda bdiet tmur mill-ħażin għal agħar, ma felaħx jara l-qerda tal-Knisja maħbuba tiegħu, u l-mewt ta' ħafna mill-merħla tiegħu. Għalhekk idawwar il-ħarsa tiegħu lejn is-Sema u ijtlob 'l Alla:

Eħles, Mulej, il-knisja li rawwamtlek,
Eħles il-belt li jien ħabbejt bħal dari:
Jekk le Mulejja, eħlisni minn dal-jasar,
Iġborni miegħek. (9)

Minn dawn iż-żewġ talbiet togħġob lil Ħniena Divina, it-tieni waħda. Alla ma jridx li x-xwejjaħ Wistin ikun wieħed minn dawk li jaraw spettaklu hekk tal-biża' u hekk qalil. Għalhekk Wistin jaqbdu deni qawwi, jintefa' f'qegħ ta' sodda u jitlob lil dawk ta' ma' dwaru:

Mal-ħitan ta' kamarti, kull fejn tista'
Ħarsti tiġġerra b'ittri kbar miktuba
Qegħduli s-salmi, dawk li bihom beka
David profeta,
U ħalluni hawnhekk waħdi ma' ħsiebi. (10)

Fil-waqt li l-għedewwa kienu jassedjaw il-belt, Wistin bħal donnu nesa x'kien qed isir madwaru, u beda jgħarbel iż-żgħużija tiegħu. Ra u sema' lil ommu Monika twiddbu, twissieh



iċċanfru, tagħdru, tistennieh jikkonverti u sa fl-aħħar taħfirlu. Beda jixtarr irġulitu, "il-qawwa t'Alla li ħakmitu qajl qajl bla qatt ma rħietu". (11)), in-nar ta' l-imħabba li kien għadu jikbes ġo qalbu, il-ħidma tiegħu iċken minn xewqtu. Jibki u jibki b'qalb maqsuma fuq il-ħerba ta' l-isbaħ snin ta' ħajtu, u jitlob 'l Alla għajnuna, ħniena, maħfra.

Qabel ma n-nar beda jħaddan lil Ippona, qalb Wistin, li kienet ħabbet tant, waqfet u kesħet. Għalhekk huwa la ra t-tħarbita tal-belt li kien igħożż "bħal waħda minn ulied Ruma" (12), u l-inqas sema' l-biki ta' tfajliet imgħannqa ma' sider ommhom li kienu jmutu mingħajr ma jafu. Ġismu niżel jorqod fil-ħdan t'ommu ħanina, l-art li nisslitu u ruħu ttajret lejn is-Sema.

"Jgħibu u jintilfu", jgħid il-Poeta lil Santu Wistin "Ċirta, Kartaġni, Ippona", iżda

"Aktar miż-żonqor u l-azzar f'saħħitha
Tibqa' l-kelma li ktibt, u magħha d-dija
Safja ta' ħsiebek". (13)

(1) "Lil Santu Wistin" (F'dan l-ewwel vers, "ix-xebba" tirriferixxi għall-Knisja, u "l-ġorf" għall-Imperu Ruman); (2) Ibid; (3) Ibid; (4) Ibid; (5) Ibid; (6) Roma Immortalis; (7) Ibid; (8) Il-Mewt ta' Santu Wistin; (9) Ibid; (10) Il-Mewt ta' Santu Wistin; (11) Ibid; (12) Ibid; (13) Ibid.

---

## ĠAWHAR TA' ĦSIBIJIET

Min hu għani?—Min ma jixtieq xejn.—Min hu fqir?—Ix-xħiħ.

La tiftakarx fil-ġid li għamilt; iżda ftakar fil-ġid li rċevejt.
Il-vleġġa mhux dejjem tolqot dak li thedded.
Tkellem l-aħħar wieħed; iskot l-ewwel wieħed.